FEATURE SPEĊJALI

# ĊIMITERJI U FUNERALI

## Tagħrif interessanti għax-xahar ta' Novembru

*Kitba ta'* **Anton F. Attard**

### Post Sagru

Meta ngħidu "ċimiterju", ifisser post fejn nidfnu l-mejtin tagħna. Dan ma jfissirx li ċimiterju huwa lok fejn nordmu l-katavri biex neħilsu minnhom u daqshekk. Iċ-ċimiterju huwa lok qaddis u meta nżuru wieħed għandna nuru rispett lejn dawk in-nies li jkunu midfunin hemmhekk. Dari n-nisa fil-knisja kienu jgħattu rashom bil-velu, u l-irġiel ineħħu l-kappell jew il-berritta bħala sinjal ta' qima. Hekk ukoll kienu jagħmlu meta jżuru ċimiterju għax l-art taċ-ċimiterju hija sagra.

### Il-Bini taċ-Ċimiterju

Il-bini taċ-ċimiterju jingħaraf mill-ewwel għax il-ħajt ta' barra jkollu bosta pilastri li fuq nett ikunu jispiċċaw b'kaptell qisu piramida bil-ponta. Il-bieb ewlieni aktarx ikun jingħalaq b'rixtellu tal-ħadid jew ta' l-injam li ħafna drabi jkun imżejjen b'salib f'nofsu. Fuq il-pilastri tal-bieb taċ-ċimiterji ġie li naraw statwetti ta' figuri umani qegħdin jinħarqu fin-nar, li jfissru l-erwieħ tal-purgatorju. Fuq ġewwa tal-bieb ikun hemm qanpiena biex tindaqq meta jkunu deħlin b'xi mejjet.

### L-Oqbra Sbieħ



Fuq ġewwa ċ ċimiterju jkun kollu oqbra. Dawn ikollhom irħama jew lapida sepulkrali bl-ismijiet tan-nies li jkun hemm midfunin f'dak il-qabar. Oħrajn ikollhom biss l-isem tal-familja, per eżempju: FAMILJA CASSAR. Meta l-familja jkollha l-flus x'tonfoq, tagħmel monument sabiħ fuq il-qabar b'xi statwa ta' Kristu, tad-Duluri, xi anġlu, salib sabiħ, fanali u ktajjen u tiżjin ieħor. F'xi ċimiterji kbar il-qabar jew oqbra jkunu magħluqin f'kappella sabiħa. Imma kull ċimiterju jkollu l-kappella komuni tiegħu, jew iżjed minn waħda, aktarx f'nofsu, fejn jitqaddes il-quddies għall-bżonnijiet tal-mejtin, l-aktar fix-xahar ta' Novembru. Ikun hemm ukoll fiċ-ċimiterju l-fossa fejn jinxteħet il-għadam li jinġabar mill-oqbra komuni, u post fejn jinħarqu t-twiebet, għax dawn, billi jkunu mberkin, ma jistgħux joħorġu miċ-ċimiterju.

### Oqbra komuni

Xi oqbra ma jkollhom ebda tiżjin. Ikunu biss mgħottijin b'xorok ħoxnin li jissejħu kaptelli. Hawnhekk jindifnu n-nies komuni li ma jkollhomx il-qabar tagħhom. Il-għonja u l-fqar, kulħadd għandu d-dritt li jindifen fiċ-ċimiterju. Fiċ-ċimiterji ta' l-insara aktarx li dejjem naraw salib kbir f'nofsu jew f'xi post prominenti. Is-salib huwa s-sinjal tan-nisrani u jfisser li aħna ġejna mifdijin bid-demm ta' Kristu li miet għalina fuq is-salib.

### Tiżjin fuq l-Oqbra

Fuq l-oqbra, l-aktar fix-xahar ta' Novembru, naraw ukoll fanali jew tazzi bix-xemgħat jixegħlu u bukketti jew kuruni tal-fjuri. Id-dwal li jixegħlu fuq l-oqbra jfissru l-imħabba u l-għożża tagħna lejn il-mejtin midfuna f'dak il-qabar u l-fidi li dawn għad jirxuxtaw biex imorru jgawdu lil Alla bir-ruħ u l-ġisem fil-ġenna. Il-fjuri u l-ward ifissru l-ħajja qasira tal-bniedem, li bħall-fjuri, iddum ftit, imbagħad titbiel, tinxef u tmut. Imma l-fjuri u l-ward fuq il-qabar ifissru wkoll li aħna għadna niftakru u għadna nħobbu lil dik il-persuna li tkun midfuna f'dak il-qabar. F'Novembru wkoll, ix-xahar ta' l-erwieħ, iċ-ċnut taċ-ċimiterju jinxtegħlu bil-lampi.

### Is-Siġar tal-Prinjol u taċ-Ċipress

Is-siġar l-aktar komuni li naraw fiċ-ċimiterji huma l-prinjol, jew taż-żnuber, u ċ-ċipress. Is-siġra tal-prinjol tarmi riħa tfuħ u qawwija, għalhekk ittaffi xi riħa tinten li tista' toħroġ minn xi qabar. Is-siġra taċ-ċipress, li tkun twila qisha kolonna, tfisser in-niket u l-vistu għal dawk li jkunu ħallewna. F'xi ċimiterji jħawlu wkoll il-liedna, ħaxixa li tixxeblek u tixxabbat, dejjem ħadra, u li tqabbad għeruqha saħansitra fil-ġebel tal-ħitan. Is-siġar li jitħawlu fiċ-ċimiterji għandhom ikunu jħaddru dejjem, u dan ifisser li r-ruħ ma tmut qatt. Meta nimxu fiċ-ċimiterju qatt m'għandna nirfsu fuq l-oqbra għax b'hekk nuru nuqqas ta' rispett. Lanqas m'għandna nidħlu lebsin mhux xieraq jew nieklu jew nixorbu u nitħaddtu ngħajtu. Iċ-ċimiterju huwa lok tal-ħemda u tat-talb, u post ta' pellegrinaġġ.

## *Iċ-Ċimiterji Tagħna*

Iċ-ċimiterju jista' jkun tal-knisja parrokkjali tal-belt jew raħal li jkun u jista' jkun ukoll tal-Gvern. F'Għawdex kellna ċimiterju antik ħafna fi Pjazza Sant' Wistin, ir-Rabat, li kien tal-Matriċi, u li ġie li ssejjaħ "Iċ-Ċimiterju tal-Kroċjati" jew "ta' Santu Wistin", fejn jingħad li aktarx indifnu bosta isqfijiet, prelati u kavalieri nobbli Franċizi, li meta marru jiġġieldu kontra l-Misilmin f'Tuneż, qabadhom il-mard ta' l-imsaren u mietu. Maltempata qawwija tefgħethom fuq Għawdex u ndifnu f'dan iċ-ċimiterju. Kien hemm devozzjoni kbira mill-Għawdxin lejn dan iċ-ċimiterju qadim ferm għax fih kienu nbnew daqqa ta' għaxar kappelli li biż-żmien spiċċaw kollha. L-aħħar tnejn li spiċċaw kienu dik ta' San Ġwann Evanġelista u dik tad-Duluri li jien niftakarha tajjeb. Illum flok dan iċ-ċimiterju hemm l-Oratorju Don Bosco.



L-irħula Għawdxin kollha għandhom iċ-ċimiterju tagħhom, minbarra l-Munxar u ta' Kerċem. Ix-Xagħra, fl-inħawi tas-Sellum, insibu bosta ċimiterji wara xulxin. L-eqdem wieħed, ta' ġewwa nett, hu dak tal-pesta ta' l-1814 li fil-bidu kien għalqa taħt is-sies ta'Għajn Lukin fejn ir-razzett ta' fuqu kien inbidel fi sptar proviżorju tal-pesta.

Ċimiterju qadim ieħor hu dak tal-Għonq, ir-Rabat ukoll, li hu tal-Gvern. Dan jissejjaħ iċ-Ċimiterju tal-Kolera, jew ta' l-infetti, u kien inbena għall-ħabta tas-sena 1865. Inbena fil-post li hu billi l-Konservatorju ta' l-Isqof, li hemm fil-qrib kellu jintuża bħala sptar tal-kolera f'każ ta' epidemija. Biswitu hemm il-knisja ta' Santa Marta li bdiet tinbena fil-11 ta' Novembru, 1866, imħallsa minn Feliċ (minn tal-Kejken) u martu Rosa talli ħelsu mill-kolera. Tbierket fl-1867 mill-Isqof Fra Pawl Micallef, O.E.S.A (1866-1867), Amministratur Appostoliku għal Għawdex.

Fis-27 ta' Diċembru, 1893, beda jinbena ċ-Ċimiterju ta' Santa Marija, imsejjaħ tal-Barmil, li hu tal-Gvern. Dan inbena fil-post li hu biex ikun qrib l-Isptar ta' Lazzarett li kien flok fejn illum hemm iċ-Ċentru ta' Għawdex ta' l-Università ta' Malta, ix-Xewkija. Dan iċ-ċimiterju wkoll fil-bidu kellu jkun ċimiterju ta' l-infetti jew ta' dawk li jmutu b'mard li jittieħed. Tbierek mill-Arċipriet tar-Rabat Feliċ Refalo fis-6 ta' Frar,



1895. Insibu li fit-12 ta' Novembru, 1897, is-Segretarju Prinċipali tal-Gvern, Gerald Strickland, staqsa lill-Assistant Segretarju għal Għawdex jekk f'Għawdex kienx hemm disponibbli għall-kiri karru tal-mejtin biż-żwiemel li jista' jinkera malajr. It-tweġiba minn Għawdex kienet li m'hawnx u l-Assistant Segretarju ppropona li s-servizz isir permezz ta' katalett.

Wara li l-Gvern ipprojbixxa d-dfin fil-knejjes, dan iċ-ċimiterju sar iċ-Ċimiterju tar-Rabat, kif ukoll għal dawk l-irħula li ma kellhomx ċimiterju. Minn dak iż-żmien 'l hawn dan iċ-ċimiterju tkabbar kemm-il darba.

Ċimiterji oħra qodma kienu jinsabu fil-Forti Chambrai, u kien hemm dak tal-Kattoliċi, tal-Protestanti u ta' l-Infetti.

## *Postijiet oħra tad-dfin*

Id-dfin dari kien isir fil-knejjes. Il-knejjes il-kbar kien ikollhom ukoll il-kannierja, jiġifieri sotterran jew kripta taħt l-art, kollha oqbra fejn isir id-dfin. Bħala eżempji nsemmi l-kannierji ta' San Franġisk, tal-Kapuċċini u tal-Katidral. Xi knejjes u kappelli kellhom ukoll iz-zuntier tagħhom. Il-knisja taż-Żejt fir-raħal tal-Għarb, u s-Santwarju tal-Kunċizzjoni tal-Qala huma żewġ eżempji ta' znieter li għadhom jeżistu bħala ċimiterji fejn għadu jsir id-dfin. Il-kunventi ta' Sant'Wistin, u San Franġisk, il-Knisja ta' Savina u San Ġakbu, kif ukoll il-Parroċċa ta' San Ġorġ kellhom ukoll iz-zuntier tagħhom.

Il-postijiet tad-dfin jitbierku b'mod sollenni kull sena nhar il-Għid ta' l-Imwiet fit-2 ta' Novembru.

## *Il-Funerali*

Hemm ħafna x'wieħed jgħid dwar id-drawwiet tal-mewt. Imma dwar dan is-suġġett diġa' ktibna f'"Il-



*Disinn ta' Guido Lanfranco*

Ħajja f'Għawdex" ta' Novembru, 1998, p. 25, artiklu li jġib l-isem "Il-Folklore tax-Xahar ta' Novembru". Illum se nżid biss li sa qabel it-Tieni Gwerra Dinjija l-mejtin kienu jeħduhom bit-tebut mikxuf. Din id-drawwa baqgħet sa żmienna fil-każ tal-qassisin biss. Illum spiċċat ukoll ħlief forsi għall-isqfijiet. Dari l-qassisin kienu jkunu ġubilati fis-Sodalità tal-Qassisin ta' San Filippu Neri mwaqqfa fil-Katidral. Għalhekk, il-funerali tal-qassisin tar-Rabat kienu jsiru kważi kollha għall-Katidral. Allura kien hemm katalett apposta li kien ikun miksi b'faldrappa sewda u li kien jinġarr mill-qassisin bl-akkumpanjament tal-Kapitlu. Id-dfin kien isir ukoll fil-kripta tal-Katidral jew fil-knisja ta' Santa Barbara.



*Skizz ta' katalett imgħotti, kif propost fl-1897 mill-Assistent Segretarju għal Għawdex biex jintuża ħalli jinġarru l-mejtin mill-isptar il-ġdid ta' Għawdex tal-mard li jittieħed (Lazzarett) għaċ-ċimiterju l-ġdid f'Ta' l-Imgħajjen jew Tal-Barmil. (Ħajr: Arkivju Nazzjonali, Għawdex).*

Fil-funerali kienu jieħdu sehem il-qassisin tal-parroċċa. Fir-Rabat, il-funeral kien joħroġ skond il-limiti fejn ikun joqgħod il-mejjet, jew mill-Katidral jew minn San Ġorġ. Fil-każ ta' mejtin mill-Isptar, in-nisa kienu jittieħdu l-Katidral u l-irġiel San Ġorġ. Il-funerali li jsiru San Ġorġ kien ikollhom akkumpanjament ieħor mill-knisja sas-Salib tat-Tiġrija, li hu s-Salib tal-Knisja Katidrali. Bil-firda tal-parroċċi fl-1955, din id-drawwa nqatgħet. Imbagħad minn ħdejn is-Salib tat-Tiġrija l-mejjet kien jitwassal iċ-ċimiterju bil-karru tal-mejtin li kien ikun b'żiemel wieħed jew bi tnejn, imsejħin parilja. Il-karru tal-mejtin kien fih ħafna skultura, miżbugħ iswed, kannella ċar, u bil-ħġieġ u bil-fanali. Iżda kien hemm ukoll il-karru tal-fqar li kien iswed u bla ħġieġ xejn.. Ix-Xagħra kellhom katalett b'żewġ roti qishom ta' karrettun, imma kien ikun miksi b'faldrappa sewda. Kien jinsaq bl-idejn mill-knisja saċ-ċimiterju.

Fil-funerali jsiru ukoll id-daqq tal-qniepen, imsejjaħ daqq il-ħabar. Fl-antik kien hemm żewġ tipi ta' daqq ta' qniepen: ta' min iħallas tajjeb u tal-fqar. Meta l-funeral ikun ta' povru kienet tindaqq il-mota tal-fqar, imsejħa t-tinn- tann. Meta tmut tarbija, it-tebut kien ikun abjad u kienu jerfgħuh it-tfal, u ma ddoqqx il-mewt, imma mota ferrieħa biż-żewġ qniepen iż-żgħar imsejħa frejħa. It-tokki tal-mewt fil-funerali tal-qassisin ikunu differenti minn dawk tal-lajċi. F'jum il-funeral fil-għodu jindaqqu wkoll it-tokki tal-mewt għal xi d-disgħa. Dawn it-tokki jissejħu t-trapassar. Fil-funerali tar-Rabat jindaqqu l-qniepen tal-knejjes Sagramentali kollha.

Meta l-mejjet jiddaħħal iċ-ċimiterju tindaqq ukoll il-qanpiena taċ-ċimiterju. Skond il-liġi l-mejjet ma jistax jindifen qabel ma jgħaddu erbgħa u għoxrin siegħa wara li jkun miet. Id-dfin isir mid-deffien, iżda, jekk għal xi raġuni ma jkunx hemm deffien, l-obbligu jaqa' fuq nies il-mejjet, għax skond it-tagħlim nisrani, id-dfin hu wieħed mis-seba' għemejjel tal-ħniena.

### *Il-Funerali u l-Baned Għawdxin*

Il-baned għawdxin idoqqu fil-funerali tal-bandisti tagħhom, meta jmut xi uffiċjal tal-kumitat, xi uffiċjal onorarju, inkella xi membru onorarju, u f'kull każ partikulari ieħor skond l-Istatut tal-Banda jew, f'każi eċċezzjonali, kif jiddeċidi l-Kumitat.

Użanza qadima bejn iż-żewġ baned tar-Rabat kienet dik li meta jmut bandist, il-banda opposta kienet takkumpanjah b'marċi funebri waqt il-funeral, fil-waqt li l-banda li tagħha kien bandist takkumpanja vistuża wara t-tebut. Minħabba xi ġlied li kien inqala', din id-drawwa sabiħa nqatgħet u llum kull banda takkumpanja l-mejjet hi stess kif intqal hawn fuq.

F'każi oħra, il-kumitat tal-banda jew delegazzjoni mis-Soċjetà tiegħu sehem fil-funeral, dejjem skond l-Istatut.

L-aħħar kelma: Il-Maltin u l-Għawdxin kellhom id-drawwa li meta jgħaddu qrib xi ċimiterju jgħidu talba għall-mejtin. Ejjew inżommu ħajja din it-tradizzjoni sabiħa u ngħadduha lil uliedna.